Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1303

10.6.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1303**

**tal-4 ta' Ġunju 2026**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-18-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward tar-reviżjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi, ir-reviżjoni tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "Vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija" u għas-subsistema "Vetturi ferrovjarji – lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri", l-adozzjoni ta' Format uniformi taċ-ċertifikati u l-emendar tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni ssieħbet fil-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (il-"COTIF") tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE ([1]) u f'konformità mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (l-OTIF) dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni COTIF ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 13(1)(f) tal-COTIF, ġie stabbilit il-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (is-"CTE") tal-OTIF.

(3) Skont l-Artikolu 16(10) tal-COTIF, is-CTE għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu.

(4) Skont l-Artikolu 20(1)(b) tal-COTIF, flimkien mal-Artikolu 6(1) tar-Regoli Uniformi li jirrigwardaw il-Validazzjoni ta' Standards Tekniċi u l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għall-Materjal tal-Ferroviji bl-intenzjoni li jintużaw mit-Traffiku Internazzjonali (APTU UR) stabbilit fl-Appendiċi F tal-COTIF, is-CTE għandu l-kompetenza li jadotta jew li jemenda, *inter alia*, il-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi (UTP) applikabbli għas-subsistemi "Vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" (UTP WAG),a "Vetturi ferrovjarji — lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" (UTP LOC&PAS) u "Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija" (UTP TAF).

(5) Skont l-Artikolu 20(1)(e) tal-COTIF, u flimkien mal-Artikolu 21(1) tar-Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali (ATMF UR) stabbiliti fl-Appendiċi G tal-COTIF, is-CTE għandu l-kompetenza li jadotta annessi ta' dak l-Appendiċi, inkluż dwar Format uniformi taċ-ċertifikati.

(6) Fit-18-il sessjoni tiegħu fid-9 ta' Ġunju 2026, is-CTE se jadotta deċiżjonijiet biex jirrevedi r-Regoli tal-Proċedura tiegħu, il-UTP WAG u l-UTP LOC&PAS, biex jadotta Anness C tal-ATMF UR dwar Format uniformi taċ-ċertifikati u biex jemenda l-Appendiċi I tal-UTP TAF.

(7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan is-CTE, billi d-deċiżjonijiet proposti se jkunu vinkolanti għall-Unjoni skont l-Artikolu 35(3) u (4) tal-COTIF, l-Artikolu 6(1) tal-APTU UR u l-Artikolu 21(1) tal-ATMF UR.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/103(1)/oj).
([2]) ĠU L 51, 23.2.2013, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2013/103/oj.

(8) L-objettivi tad-deċiżjonijiet proposti huma li jirrevedu r-Regoli tal-Proċedura tas-CTE sabiex jiġu allinjati mar-regoli tal-proċedura ta' organi oħra tal-OTIF, li l-UTP WAG u l-UTP LOC&PAS jiġu allinjati mar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2064 ([3]) u (UE) 2025/675 ([4]), rispettivament, li jiġi adottat Anness C ġdid tal-ATMF UR dwar Format uniformi taċ-ċertifikati filwaqt li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mar-reġistri tal-vetturi u mar-reġistri tat-tipi tal-vetturi stabbiliti skont ir-regoli tal-Unjoni u tal-OTIF, jiġifieri dawk stabbiliti fl-aħħar emendi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE ([5]) u (UE) 2018/1614 ([6]), u li jiġu allinjati r-referenzi għad-dokumenti tekniċi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji elenkati fl-Appendiċi I tal-UTP TAF.

(9) L-emendi previsti għar-Regoli tal-Proċedura tas-CTE huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat *ad hoc* tal-OTIF dwar l-Affarijiet Legali u l-Kooperazzjoni Internazzjonali u jiżguraw allinjament u konsistenza ulterjuri bejn il-prattiki tas-CTE u dawk ta' organi oħra tal-OTIF. Madankollu, ir-regoli biex id-dokumenti ta' ħidma jsiru disponibbli qabel il-laqgħat tas-CTE għadhom jipprevedu għal skadenzi qosra ħafna, li jistagħu ma jkunux biżżejjed biex jippermettu l-proċeduri interni meħtieġa għall-adozzjoni ta' deċiżjoni fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, filwaqt li l-emendi previsti tar-Regoli ta' Proċedura tas-CTE jenħtieġ li jiġu appoġġati, jenħtieġ li l-Unjoni tipproponi wkoll li tiġi estiża l-iskadenza biex id-dokumenti ta' ħidma jsiru disponibbli qabel il-laqgħat tas-CTE sabiex tkun tista' ssir it-tħejjija u l-adozzjoni f'waqthom tal-pożizzjonijiet tal-Unjoni.

(10) Id-deċiżjonijiet previsti biex jiġu riveduti l-UTP WAG, il-UTP LOC&PAS u l-Appendiċi I tal-UTP TAF t huma fil-parti l-kbira tagħhom konformi mad-dritt u mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni u jikkontribwixxu għall-allinjament tar-regoli tal-OTIF mad-dispożizzjonijiet ekwivalenti tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, uħud mill-emendi proposti mis-Segretarjat tal-OTIF jenħtieġ li jiġu allinjati b'mod ulterjuri mad-dritt rilevanti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-Unjoni tipproponi emendi għad-deċiżjonijiet previsti sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-OTIF jiġu allinjati mal-liġi rilevanti tal-Unjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet previsti soġġett għall-kundizzjoni li jiġu introdotti tali emendi.

(11) Id-deċiżjoni prevista biex jiġi adottat Anness C ġdid tal-ATMF UR dwar Format uniformi taċ-ċertifikati ma hijiex kompletament konformi mad-dritt u mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni. Pereżempju, l-użu tat-terminu "ċertifikat" iwassal għal konfużjoni, peress li jintuża għal skopijiet differenti fl-oqfsa tal-Unjoni u tal-COTIF. Meta titqies il-firxa tal-emendi għad-deċiżjoni prevista li huma meħtieġa biex jiġi żgurat l-allinjament mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, l-Unjoni jenħtieġ li topponi l-adozzjoni tad-deċiżjoni prevista u titlob ħidma ulterjuri mill-Grupp ta' Ħidma Permanenti tas-CTE (WG TECH) fuq il-kwistjoni, sabiex jiġi żgurat li l-Anness C il-ġdid tal-ATMF-UR dwar Format uniformi taċ-ċertifikati jiġi allinjat mal-liġi rilevanti tal-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/2064 tal-14 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 321/2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ("WAG TSI") (ĠU L, 2025/2064, 15.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2064/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/675 tal-4 ta' April 2025 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1302/2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"Vetturi ferrovjarji — lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/665/UE dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (ĠU L, 2025/675, 7.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/675/oj).

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (ĠU L 264, 8.10.2011, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2011/665/oj).

([6]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1614/oj).

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-18-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (is-"CTE") tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar ir-reviżjoni tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu u tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "Vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija" (UTP WAG) u għas-subsistema "Vetturi ferrovjarji – lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" (UTP LOC&PAS), dwar l-adozzjoni ta' Anness C tar-Regoli Uniformi li jirrigwardaw l-Ammissjoni Teknika ta' Materjal tal-Ferroviji użat fit-Traffiku Internazzjonali (ATMF UR) dwar Format uniformi taċ-ċertifikati u dwar l-emendar tal-Appendiċi I tal-Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi applikabbli għas-subsistema "Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-merkanzija" (UTP TAF) għandha tkun din li ġejja:

(1) li tivvota favur ir-reviżjoni proposta tar-Regoli tal-Proċedura tas-CTE, kif stabbiliti fid-dokument TECH-26018-CTE18-4, u mingħajr preġudizzju għal din il-pożizzjoni, li tipproponi li "8 ġimgħat" tiġi sostitwita bi "12-il ġimgħa" fl-Artikolu 9(3) tar-Regoli tal-Proċedura tas-CTE;

(2) li tivvota favur ir-reviżjoni proposta tal-UTP WAG, kif stabbilita fl-Anness 2 tad-dokument TECH-26003-CTE18-5.1, soġġett għall-emendi li ġejjin:

   (a) fil-punt 4.2.6.1.2.1 tal-UTP WAG, jitħassru ż-żewġ paragrafi introduttorji;

   (b) fil-punt 5.3.6 tal-UTP WAG, l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "L-apparati għall-ankraġġ tas-semitrejlers għandhom jiġu ddisinjati u vvalutati għal kull waħda mill-kundizzjonijiet tal-użu li ġejjin:

   — is-semitrejlers kompatibbli li għalihom huwa maħsub l-apparat;

   — l-interfaċċa kompatibbli tal-unità li fuqha l-apparat jista' jiġi mmuntat b'mod sikur.";

(3) li tivvota favur ir-reviżjoni proposta tal-UTP LOC&PAS, kif stabbilit fl-Anness 2 tad-dokument TECH-26004-CTE18-5.2, soġġett għall-emenda li ġejja fil-punt 7.1.1.6.1; il-punt (12) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: "L-unità għandha tkun mgħammra b'apparati ta' awtosalvataġġ għall-persuni kollha abbord, li jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet ta' EN 13794:2002 u jew EN 402:2003 jew EN 403:2004.";

(4) li tivvota kontra l-adozzjoni proposta ta' Anness C tal-ATMF UR dwar Format uniformi taċ-ċertifikati, kif stabbilit fid-dokument TECH-26005-CTE18-5.3, u li titlob ħidma ulterjuri tal-Grupp ta' Ħidma Permanenti tas-CTE (WG TECH) dwar dik il-kwistjoni, sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-liġi rilevanti tal-Unjoni;

(5) li tivvota favur l-emenda proposta tal-Appendiċi I tal-UTP TAF, kif stabbilit fid-dokument TECH-26006-CTE18-5.4.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fit-18-il sessjoni tas-CTE jistgħu jaqblu fuq xi tibdil minuri fil-pożizzjoni stabbilita fl-ewwel paragrafu mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ġunju 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. FITIRIS